# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, l-Erbgħa, 14 ta' Ġunju, 2023

**Kawża Nru. 1**

**Rik. Nru. 82/2021 ISB**

**L-Avukat Dottor John Refalo bħala Mandatorju Speċjali tas-Soċjeta' VPA Investment Fund (CCR 305884) bl-indirizz ta' Elian Fiduciary Services (Cayman) Limited, 89 Nexus Way, Camana Bay, Grand Cayman Islands KY1-9007, Cayman Islands**

**Vs**

**Ir-Reġistratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** tas-soċjeta' rikorrenti **VPA Investment Fund (CCR 305884)**, intavolat fis-6 ta' Ottubru 2021, li permezz tiegħu hija talbet lil-Qorti sabiex:-

1. *Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, ai termini tal-Artikolu 325(4) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta, jerga' jddahhal l-isem tas-socjeta` APV Europe Investments Limited (C 73915) fir-registru tal-kumpanniji, b'dana illi l-istess kumpannija titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqs li kieku isimha ma kienx thassar minn fuq ir-registru;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Kumpaniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha mehtiega ai termini tal-ligi relattivi ghal tali inserzjoni fir-registru tal-kumpanniji;*

3. *Taghti dawk id-direzzjonijiet u taghmel dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni sabiex is-socjeta` APV Europe Investments Limited (C 73915) u l-persuni kollha interessati jitqieghdu fl-istess posizzjoni kemm jista' jkun vicin dak li kieku l-isem tal-istess socjeta` ma jkunx thassar minn fuq ir-registru;*

4. *Bl-ispejjez u b'riserva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-mittenti naxxenti mill-fatti deskritti fil-qosor f' dan ir-rikors.*

U dan wara li ppermettiet:

1. *Illi r-rikorrenti VPA Investment Fund hi l-unika azzjonista fil-kumpannija APV Europe Investments Limited, kumpannija registrata f' Malta bin-numru C 73915 u li ghandha l-indirizz taghha 89, St. John Street, Valletta, Malta.*

2. *Illi fl-20 ta' Jannar 2021 ir-Registratur tal-Kumpanniji hareg avviz (hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok A') permezz ta' liema, iddikjara li l-isem tal-kumpanija APV Europe Investments Limited kien se jigi mhassar minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji fl-iskadenza ta' tliet xhur mid-data ta' dan l-avviz jekk l-istess socjeta' ma tissottomettix il-Formola tas-Sidien Beneficjarji (Beneficial Ownership Form) -'Form BO3';*

3. *Illi fid-19 ta' April 2021 u cioe' gurnata qabel l-iskadenza tat-terminu stabbilit mir-Registru, APV Europe Investments Limited baghtet email lill-ufficjal tar-Registru permezz ta' liema inkludiet kopja elettronika tal-Formola BO3 (hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok B'). L-originali ta' dan id-dokument intbaghat separatement u gie debitament riceput mir-registru fl-4 ta' Mejju 2021;*

4. *Illi nonostante l-fatt li l-uniku dokument li kien mehtieg mir-Registru ntbaghat elettronikament fit-terminu utli u cioe' qabel id-data tal-iskandenza stabbilit mir-registratur, xorta wahda l-isem l-istess socjeta' APV Europe Investments Limited gie mhassar minn fuq ir-registru tal-kumpanniji u l-kumpannija giet iddikjarata bhala defunct b'effett mit-20 ta' April 2021 (l-estratt hawn anness u mmarkat bhala 'Dok C');*

5. *Illi in vista tas-suespost, l-esponenti jħossu aggravat u ppregudikat, bid-decizjoni tar-Registratur biex jghaddi u jhassar l-isem tal-kumpanija minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji;*

6. *Illi r-rikorrenti huwa lest li jiehu kull azzjoni mehtiega sabiex tigi regolarizzata l-pozizzjoni tal-kumpannija in kwistjoni. Filfatt f'dan ir-rigward ir-registratur inghata kopja tal-Beneficial Ownership Form in kwistjoni, kopja ta' liema hi annessa flimkien ma dan ir-rikors;*

7. *Illi ai termini tal-Artikolu 325(4) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta, ghadu ma ddekorriex il-perjodu ta' hames (5) snin mill-pubblikazzjoni tal-avviz ghat-thassir tal-isem tal-kumpanija in kwistjoni minn fuq ir-registru tal-kumpanniji.*

Rat **id-dokumenti** ppreżentati mar-rikors (fol 4 sa fol 10)

Rat **id-digriet** tagħha, tas-27 ta' Ottubru 2021, minn fejn jirrizulta illi r-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tas-27 ta' Jannar 2022 fl-10:30 a.m., u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lir-Reġistratur tal-Kumpaniji b'għoxrin jum żmien għar-risposta.

Rat illi fis-7 ta' Diċembru 2021, ir-**Reġistratur tal-Kumpaniji** intimat ppreżenta **r-risposta** tiegħu (fol 13) bid-dokumenti hemmek annessi, li permezz tagħha, huwa sostna:

*Illi l-kumpanija APV Europe Investments Limited (C 73915) kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ("Reġistru") fit-13 ta' Jannar 2016;*

*Illi fiż-żmien li damet fuq ir-Reġistru, il-kumpanija naqset mill-obbligi tagħha illi tibgħat kontijiet u prospetti annwali lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni ai termini tal-Att dwar il-Kumpaniji. Tant hu hekk illi l-aħħar kont annwali reġistrat mar-Reġistratur tal-Kumpaniji kien dak tas-sena 2018 u l-aħħar prospett annwali kien tas-sena 2018;*

*Illi l-kumpanija in piu' naqset ukoll mill-obbligi tagħha mposti mill-Avviż Legali 247 tal-2020 u għaldaqstant baqgħet qatt ma daħħlet l-informazzjoni meħtieġa mar-Reġistratur tal-kumpaniji dwar is-sidien benefiċċjarji;*

*Illi in vista tas-suespost, ir-Reġistratur proċeda sabiex kiteb lill-kumpanija u lill-uffiċjal tagħha sabiex javża illi l-isem tal-kumpanija kien ser jiġi mħassar minn fuq il-Reġistru kemm il-darba ma tintweriex raġuni sabiex dan ma jseħħx;*

*Illi ir-Reġistratur bagħat l-ewwel avviż permezz ta' ittra lill-kumpanija (annessi u mmarkati bħala Dok.* ***'A'*** *l-ittri u l-pubblikazzjonijiet kollha maħruġa mir-Reġistratur) fuq l-indirizz reġistrat tagħha 89, St. John Street, Valletta VLT 1165 kif ukoll lill-uniku direttur tagħħa, u ċioe' lil Alexandre Lima Barigchun fl-indirizz Calle Issac Hanono Missri, Edificio Mistic Point, Torre 200, Apt. 40A, Correg. De San Francisco, datati l-1 ta' Diċembru 2020;*

*Illi f'dawn l-ittri il-kumpanija ġiet infurmata illi la darba kienet ilha snin tonqos mill-obbligi tagħha skont ir-Regolament 9 tal-Avviż Legali 247 tal-2020, f'każ li ma tweġibx l-ewwel ittra fi żmien xahar, ir-Reġistratur kien se jkompli bil-proċess ta' tħassir tal-isem tal-kumpanija f'għeluq it-tliet xhur speċifikati fl-ittra;*

*Illi fl-20 ta' Jannar 2021, inħarġet pubblikazzjoni fuq Times of Malta fejn isem il-kumpanija kien wieħed fost oħrajn illi kien ser jiġi mneħħi minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fi żmien tliet xhur, la darba ma jkunx hemm oġġezzjoni għal dan;*

*Illi fil-frattemp ir-Reġistratur qatt ma rċieva l-ebda tip ta' risposta jew dokumenti pendenti mingħand il-kumpanija u għaldaqstant fl-20 t'April 2021, li jaħbat tliet xhur mill-pubblikazzjoni msemmija hawn fuq, l-esponent ħareġ avviż fuq website miżmuma minnu fejn ġie avżat illi l-isem tal-kumpanija in kwistjoni kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi għalkemm r-rikors qiegħed isir fiż-żmien il-ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir u għalhekk għadu fiż-żmien stipulat mil-liġi, ir- Reġistratur tixtieq tiġi mogħtija raġuni valida dwar it-talba mogħtija mir-rikorrenti li tali kumpanija għandha terġa' titpoġġa fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji.*

*Illi jidher biċ-ċar illi r-rikorrenti qatt ma kellhom interess li jimxu b'konformita' mal-liġi dwar il-kumpaniji u infatti naqsu milli*

*jirreġistraw dokumenti mandatorji mar-Reġistratur għal numru ta' snin minkejja diversi notifiki li kienu jintbagħtu lilhom.*

*Illi r-rikorrenti injoraw ukoll il-multi illi jfakkruhom f'tali nuqqas u qatt ma affettwaw il-pagamenti tal-multi. Illi il-pagamenti pendenti fuq nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' prospetti annwali jammontaw għal EUR 4,200 u filwaqt li l-penali fuq nuqqas ta' reġistrar ta' dawn il-prospetti kif ukoll tal-informazzjoni dwar is-sidien benefiċċjarji u tal-kontijiet annwali jammontaw għal EUR 5,873; biex b'hekk l-ammont dovut lir-Reġistratur jammonta għal total ta'* ***EUR 10,073;***

*Illi l-kumpanija ma tistax tiġi riattivata skont l-artikolu 325 (4) tal-Att dwar il-Kumpaniji kif speċifikat fir-rikors odjern imma skont ir-Regolament 9 (4) tal-Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations għaliex taħt dan ir-regolament ġiet mħassra tali kumpanija;*

*Illi filwaqt illi r-Reġistratur tixtieq illi jekk il-kumpanija terġa titpoġġa fuq ir-Reġistru, tali kumpanija taġġorna d-dokumentazzjoni meħtieġa (inkluż informazzjoni fuq is-sidien benefiċċjarji, il-prospetti annwali u l-kontijiet annwali) u dan sabiex jiġu salvagwardjati l-interessi tat-terzi persuni. Ir-Reġistratur qiegħda umilment tissolleva illi qiegħda tħalli f'idejn dina l-Onorabbli Qorti u fil-provi sabiex jiġu magħrufin il-passi illi għandhom jittieħdu min-naħa tagħha sabiex il-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni tiġi rettifikata.*

*Illi għaldaqstant hija lesta li joqgħod għal kull direzzjoni u provediment illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkustanzi partikulari ta' dan il-każ.*

Rat illi fl-udjenza tas-27 ta' Jannar 2022, deher l-Avukat John Refalo għas-soċjeta' rikorrenti u dehret l-Avukat Claudette Fenech għar-Reġistratur tal-Kumpaniji.

Rat illi f'dik l-udjenza, ir-rikorrent iddikjara id-disponsibilita` sħiħa tiegħu li jirregolarizza l-pendenzi kollha li kellha l-kumpanija mal-intimat Registratur qabel sar it-tħassir.

Rat in-Nota tas-soċjeta' rikorrenti intavolata fit-28 t'April 2022, li permezz tagħha ppreżentat id-Dikjarazzjoni dwar is-Sidien Benefiċċjarji tal-istess soċjeta' rikorrenti ai termini tal-Artikolu 8 tal-tal-*Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations,* Leġislazzjoni Sussidjarja 386.19.

Rat illi fl-udjenza tad-9 ta' Mejju 2022, xehdu **Alan Michael Fiorini** u **Alison Cortis** prodotti mis-soċjeta' rikorrenti.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-10 ta' Marzu 2023, minn fejn jirriżulta illi d-difensur tal-intimat reġistratur ddikjarat illi l-pendenzi tas-soċjeta` rikorrenti kienu ġew regolarizzati, salv għall-preżentata ta' accounts tas-sena 2019, iżda ma toġġezzjonax illi jingħata Provvediment Finali, u fil-fatt bi qbil bejn il-partijiet, il-kawża thalliet għall-udjenza ta' llum għall-provvediment finali.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirriżulta illi din hija azzjoni mressqa mis-soċjeta' rikorrenti ai termini tal-**Artiklu 325(4) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta**, u li permezz tagħha, is-soċjeta' rikorrenti, li hija l-unika azzjonista tal-kumpanija **APV Europe Investments (C 73915)**, qed titlob ir-rivvavviment tal-istess kumpannija, liema kumpannija tħassret minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji fl-20 ta' April 2021.

Illi, f'dan il-kuntest, is-soċjeta' rikorrenti għandha kull interess illi l-istess kumpannija terġa' titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji u dana stante li tikkontendi li qabel id-data fuq imsemmija, hi kienet għamlet minn kollox sabiex tissottometti l-formoli mitluba mill-intimat Reġistratur.

Illi s-soċjeta' rikorrenti iddikjarat mill-bidu, sa mir-rikors promotur, illi hija kienet lesta li tieħu kull azzjoni meħtieġa sabiex tiġi regolarizzata l-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni APV Europe Investments u filfatt iddikjarat li lesta tieħu kull azzjoni meħtieġa sabiex tkun f'posizzjoni li tirregolarizza l-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni.

Illi fix-xhieda tiegħu **Alan Michael Fiorini** jgħid illi hu kien l-awditur tas-soċjeta' APV Europe Investments Ltd. Jispjega li kien ilu ma jippreżenta Audits tal-istess kumpanija minħabba li kien intilef il-kuntratt mas-service provider White November, li kellu l-liċenzja revokata. Jispjega li minħabba ir-revoka tal-liċenzja kien irriżenja mill-irwol ta' awditur minn ma diversi kumpaniji. Jgħid li fir-rigward ta' APV Europe Investments Ltd, ma jiftakarx kienx daħħal ir-riżenja minħabba li kienet ġiet struck off. Jgħid li qatt ma kellu kuntatt dirett mal-kumpanija għax kollox kien isir tramite l-imsemmi White November.

Illi fix-xhieda tagħha, **Alison Cortis,** in rappreżentanza tal-MFSA, tgħid li l-kumpanija White November kienet daħlet applikazzjoni sabiex tiġi

reġistrata bħala *company service provider* fl-20 ta' Marzu 2014, liema applikazzjoni ġiet irtirata fis-7 t'Awwissu 2019 u għalhekk qatt ma kienet awtorizzata u liċenzjata biex taħdem. Tispjega li fis-26 ta' Awwissu, l-kumpanija *White November* kienet infurmata li l-awtorita' kienet qed taċċetta il-withdrawal u tat sittin (60) jum sabiex isir trasferiment tal-klijenti. Tikkonferma li l-kumpanija *White November* ma tistax topera.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi ġie rilevat mir-Reġistratur tal-Kumpaniji fir-risposta tiegħu illi t-talba rikorrenti kellha ssir ai termini tar-**Regolament 9(4) tal-Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations, Leġislazzjoni Sussidjarja 386.19 u mhux taħt l-artikolu 325(4) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**.

Għalkemm it-talba fir-rikors promotur qed issir ai termini tal-artikolu 325(4) tal-KAP 386, u kif sollevat mir-Registratur intimata, din kellha ssir ai temrini tar-Regolament 9(4) tal-Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations, b'dana kollu din il-Qorti ser taghti l-provvediment tagħha xorta waħda u tikkonsidra t-talba maghmula ai termini tar-Regolamenti msemmija, u dan għal żewġ raġunijiet:

a) Fl-ewwel lok, filwaqt illi l-Qorti dejjem tippreferi u tissolleċita lir-rikorrent noe sabiex jara u jassikura illi t-talbiet isiru ai termini tal-provvedimenti tal-ligi idoneji, b'dana kollu fil-kaz odjern, il-Qorti tqis illi l-effett tat-talba huwa xorta ai termini taz-zewg provvedimenti tal-ligi, u cioe`, it-tqieghed lura tal-kumpannija fuq ir-Registru. Fuq kollox, it-talba kienet tkun xorta valida li kieku r-rikorrent ma semmiex l-artikolu tal-ligi fit-talba tieghu. Il-Qorti ma thossx illi dan ibiddel bl-icken mod is-sustanza tal-procedura.

b) Fit-tieni lok, il-Qorti qed tiehu din il-posizzjoni anke fid-dawl ta' spedezza u prattiċita' li huwa meħtieg fil-kamp kummerċjali, peress illi l-alternattiva kienet tkun, f'kaz illi tiġi miċħuda t-talba minħabba l-iżball msemmi, illi terġa' tiġi ri-proposta l-kawza b'indikazzjoni ta' l-artikolu rilevanti. Tenut kont illi jirrizulta illi gew regolarizzati n-nuqqasijiet tas-socjeta` de quo, dan ikun ifisser biss illi ssir proċedura oħra kemm jiġi indikat l-artikolu tal-liġi ġust jew addirittura ma jiġix indikat l-artikolu relattiv bir-riżultat illi jkun ottenut l-istess riżultat. Il-Qorti tqis dak bħala ħela ta' ħin u spejjeż inutili.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi r-**Regolament 9 (4) tal-*Companies Act (Register of Beneficial Owners ) Regulations***[1] , Leġislazzjoni Sussidjarja 386.19 tal-Ligijiet ta' Malta jgħid is-segwenti:

> *(4) If any member or creditor of the company, or any other person who appears to the Court to have an interest feels aggrieved by the fact that the name of the company has been struck off the register by virtue of the provisions of this regulation, the Court on an application made by the member or creditor or such other person before the expiration of five years from the publication of the notice of the striking off provided for in sub-regulations (2) and (3) may, if satisfied that it is proper that the name of the company be restored to the register, order that such name be restored to the register, and up on an official copy of the order being delivered by the Registrar of the Courts to the Registrar for registration, the company shall be deemed to have continued in existence as if its name had not been struck off; and the Court may by its order give such directions and make such provisions as seem fit for placing the company and all other persons in the same position as nearly as may be as if the name of the company had not been struck off. The Registrar shall forthwith proceed to publish a notice in the Gazette or on a website maintained by the Registrar and in a daily newspaper circulating wholly or mainly in Malta that the name of the company has been restored to the register.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiżiti li hemm bzonn biex kumpannija kummerċjali li tneħħiet minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji terġa' ssib postha fuqu ai termini tas-Sub-Artiklu appena ċitat.

M'hemmx dubbju illi għadhom ma għaddewx il-ħames snin minn meta il-kumpanija APV Europe Investments (C 73915) ġiet ikkanċellata minn fuq ir-Reġistru.

Id-dokumenti ppreżentati jitkellmu waħedhom u ma jirriżultax lanqas kontestazzjoni dwar il-fatti li irriżultaw.

Il-Qorti pero`, kif tagħmel dejjem f'ċirkostanzi bħal dawn u qabel ma tgħaddi għall-provvediment, tqis id-disponibilita' li kellha s-soċjeta'

[1] Ippublikat bl-Ingliż biss

rikorrenti illi tirregolarizza l-affarijiet tal-kumpanija mar-Reġistratur intimat. F'dan il-każ, is-soċjeta' rikorrenti żammet kelmitha u l-promessa magħmula mill-istess soċjeta' rikorrenti inżammet, tant illi l-Qorti ġiet mgħarrfa illi l-pendenzi kollha fir-rigward tal-Regolament 9 (4) tal-*Companies Act (Register of Beneficial Owners ) Regulations* kienu ġew regolarizzati.

Bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet għalhekk, il-Qorti ġiet mistiedna tgħaddi għall-provvediment llum.

**GĦALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, il-Qorti jidhrilha illi jkun ġust u ekwu illi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u dana billi:

1. **Fl-ewwel lok**, <u>tordna</u> lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, ai termini tar-Regolament 9(4) tal-*Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations,* liġi sussidjarja 386.19, fi żmien ħmistax il-jum, jerġa' jdaħħal l-isem ta' **APV Europe Investments Limited (C 73915)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha ma kienx tħassar minn fuq ir-Reġistru.

2. **Fit-tieni lok** <u>tordna</u> lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha mehtiega ai termini tal-liġi relattiva għal tali inserzjoni mill-ġdid tal-kumpannija msemmija fir-Reġistru tal-Kumpanniji.

3. **Fit-tielet lok**, <u>tordna</u>, illi l-isem ta' **APV Europe Investments Limited (C 73915)** jitpoġġa lura fuq tali Reġistru tal-Kumpanniji.

4. **Fil-raba' lok**, <u>tordna</u> illi l-ispejjes ta' din il-procedura u kif ukoll kwasliasi spejjes illi jista' jinkorri ir-Reġistratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpannija **APV Europe Investments Limited (C 73915)** fuq ir-Reġistru tal-kumpanniji jkunu a karigu tar-rikorrent.

| | |
|---|---|
| **Onor. Ian Spiteri Bailey** | **Marisa Bugeja** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |